## Kelmtejn minn Fr Krystof L-Amministratur Parrokkjali

Nhar il-Ħadd filgħodu l-parroċċa tagħna b'ferħ kbir qed tressaq 40 tifel u tifla għall-ewwel darba sabiex jirċievu lil Ġesù Ewkaristija fil-qalb tagħhom, wara li l-familji tagħhom għażlu li jġibuhom għat-tagħlim tal-katekiżmu, għaliex, mill-esperjenza tagħhom jemmnu, li permezz tal-Knisja, Ġesù jista' jgħinhom ħafna sabiex ikomplu jikbru, jisbieħu u jissaħħu bħala persuni.

Lit-tfal iż-żgħar ktibtilhom li: "Ġesù għalhekk sar ħobż għalina, sabiex aħna, meta nikluh, nieħdu minnu l-enerġija kollha sabiex ngħixu sewwa. Jiġifieri li, bħalma aħna nieħdu l-vitamini u l-enerġija mill-ikel bnin, hekk ukoll mingħand Ġesù aħna nirċievu s-saħħa u l-enerġija kollha biex inħobbu lil xulxin; nisbieħu bħala persuni mimlijin bi kwalitajiet tajba; u jkollna s-saħħa li nagħżlu t-tajjeb u nwarrbu dak li jagħmlilna ħażin".



Jien għalhekk ċert li l-Ewkaristija ma tistax tkun esperjenza ta' darba kultant, imma trid tkun parti mill-organizzazzjoni ta' ħajjitna: appuntament regolari li fih infittxu niltaqgħu ma' Ġesù, u nħalluh jibnina minn ġewwa bħala persuni u jsaħħaħna fl-għaqda tagħna ma' xulxin. Jien nittama u nitlob, li dawn it-tfal tagħna, wara din l-Ewwel Tqarbina, jirnexxilhom jibqgħu jgawdu mill-Ewkaristija ta' kull nhar ta' Ħadd flimkien mal-familji tagħhom, għall-ġid tagħhom stess u ta' kull min jiltaqa' magħhom.

*Awguri mill-qalb!*

**AVVIŻI:**

Infakkrukom li **l-quddiesa tal-11:00am** ta' dan il-Ħadd, 26 ta' Mejju se ssir fis-Sala Parrokkjali ta' Triq Xandriku.

**LAQGĦA GĦAR-ROMOL:** infakkru u nħeġġu lir-romol kollha, irġiel u nisa, li nhar it-Tnejn 27 ta' Mejju fis-5:45pm, hemm il-laqgħa speċjali għalihom. Ser ikun hemm preżenti l-Arċipriet Fr Krystof. Din se ssir fil-Mużew il-qadim tal-bniet, Triq Rakela Camilleri. Imexxi Dun Ġużepp Attard.

**L-ILBIESI U R-RITRATTI TAL-GRIŻMA TAL-ISQOF:** l-ilbiesi se jingħataw nhar l-Erbgħa 29 ta' Mejju fis-Sala Parrokkjali fi Triq Xandriku mill-5:00pm sas-7:00pm. Meta tiġu għal-libsa tat-tfal, se nagħtukom ittra oħra bi ftit struzzjonijiet dwar kif tużaw l-ilbiesi u meta ġġibuhom lura. F'din il-ġurnata wkoll **ser jittieħed ritratt lit-tfal biex jintuża għall-ktieb ta' tifkira**. Importanti li jattendi kulħadd fil-ġurnata indikata.

**RUŻARJU FIL-BERAĦ:** nhar l-Erbgħa 29 ta' Mejju, fi Triq Duru ma' Triq ix-Xini. Jibda fil-5:30pm. Din l-attività hi miftuħa għal kulħadd.

**PURĊISSJONI U PROGRAMM MARJAN:** organizzata mill-membri tal-Museum nhar il-Ħamis 30 ta' Mejju. Titlaq mill-Pjazza eżatt wara l-quddiesa tas-7:00pm. Wara, programm ta' ġieħ u qima lill-Madonna fil-grawnd tal-Museum. Kulħadd huwa mistieden sabiex jattendi għal din il-qima pubblika lil ommna tas-sema.

F'dawn il-jiem nitolbu għad-djaknu Franklin Micallef li għadu kemm ġie ordnat saċerdot, ħalli l-Mulej ikompli jsostnih bid-don tal-Ispirtu Qaddis tiegħu u jagħtih il-kuraġġ u l-qawwa sabiex jaqdi bi mħabba sħiħa lill-Knisja tiegħu.



## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am